MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2271/2003

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Aldo Formosa u l-istess Aldo Formosa**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u disghin lira Maltija u erbgha u erbghin centemzu (Lm290.44) u fejn intqal:**
**Illi fl-10 ta' Jannar, 2003, Lorenzo Bugeja, li kien qed isuq il-vettura CAK-794, assikurata mal-kumpanija attrici u ta' propjeta` tal-attur, li kien fi Triq Annhem waqaf fil-kantuniera. Il-vettura giet milquta fuq ir-rota**

**tal-lemin tal-genb taghha bir-route bus numru EBY-560 misjuqa mill-konvenut li harget minn Annhem Street;**
**Il-konvenut gie interpellat b'ittra ufficjali tat-22 ta' Lulju, 2003 biex ihallas id-danni ammontanti b'kollox ghal mitejn u disghin lira Maltija u erbgha u erbghin centemzu (Lm240.44) lill-kumpanija attrici u sburzata taht il-polza, u kwantu ghall-hamsin lira (Lm50) lill-attur li kienu sopportati minnu, izda ghal ta' xejn;**
**Ghaldaqstant l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas in linea ta' danni is-somma ta' mitejn u disghin lira Maltija u erbgha u erbghin centemzu (Lm290.44) kwantu ghall- mitejn u erbghin lira Maltija u erbgha u erbghin centemzu (Lm240.44) lill-kumpanija attrici li sburzatha taht il-polza u kwantu ghal hamsin lira (Lm50.00) lill-attur li batiha minn butu, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-kollizzjoni fuq imsemmija, bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Lulju, 2003, u bl-imghax ta' tmienja fil-mija kontra l-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat fis-16 ta' Jannar, 2004, mis-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut .**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut it-Tribunal qed jilqa' t-talba ta' l-atturi, jsib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltija u erbgha u erbghin centemzu (Lm240.44), u lill-attur is-somma ta' hamsin lira (Lm50.00), ilkoll bl-imghax legali mit-22 ta' Lulju, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Lulju, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------